MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-18 ta' Lulju, 2008

Numru 682/1999

**Il-Pulizija**
**Spettur Stephen J. Gatt**

**vs**

**Francis Grech**
**Carmen Cassar**

Il-Qorti:

Rat li l-imputati Francis Grech ta’ 33 sena iben Nazzareno u Mary Rose Spiteri, imwieled Pieta’ fit-22 ta’ Novembru 1965 u residenti 50, Triq San Duminku, Valletta u detentur tal-karta tal-identita’ numru 535565 (M) u Carmen Cassar ta’ 23 sena bint Julian u Antonia Galea, imwielda l-Mtarfa fis-6 ta’ Jannar 1976 u residenti 31, Triq St. Anna, il-Belt

Valletta u detentrici tal-karta tal-identita’ numru 35076(M) gew imressqa quddiemha akkuzati talli:-

Fit-28 ta’ Settembru 1999 ghal habta tal-5:30 p.m. gewwa l-Msida:

1. Ingurjaw, jew heddu, jew ghamlu offiza fuq il-persuna ta’ P.S. 524 Paul Cassar, persuna inkarigata skond il-Ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jaghmel, jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzghuh jew li jifluwixxu fuqu kontra il-Ligi fl-esekuzjoni ta’ dak is-servizz.

2. Talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi attakkaw jew ghamlu resistenza bi vjolenza jew b’ hebb, ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra il-persuna ta’ P.S. 524 Paul Cassar, persuna inkarigata skond il-Ligi minn servizz pubbliku waqt li kien qed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-Ligi jew ta’ ordni moghti skond il-Ligi mill-awtorita’ kompetenti.

3. Fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi volontarjament hassru ghamlu hsara jew gharqu parti mill-uniformi li kien liebes P.S. 524 Cassar ghad-detriment tal-Kummissarju tal-Pulizija u il-Gvern ta’ Malta kif ukoll hsara ohra fuq hwejjeg ta’ P.S 524 Cassar ghad-detriment tal-istess P.S.524 Cassar, liema ammont ta’ hsara ma teccedix l-ghaxar liri Maltin (Lm10).

4. Fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi ma obdewx l-ordnijiet legittimi ta’ l-awtorita’ jew ta’ wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma hallewhx jew fixxkluh waqt li kien qed jaghmel id-dmirijiet tieghu jew b’ xi mod iehor, bla jedd, indahlu fi dmiru, billi ma hallewhx jaghmel dak li b’ Ligi kien ordnat jew seta’ jaghmel jew billi gabu fix-xejn jew hassru dak li haddiehor kien ghamel.

5. Fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi kissru volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku.

6. Fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi irrifjutaw jew taw falz lil P.S.524 P. Cassar, ufficjal pubbliku waqt li kien qed

jaghmel id-dmirijiet tieghu, isimhom, kunjomhom, fejn joqoghdu u partikularitajiet ohra.

7. Fl-istess lok, jum hin u cirkostanzi hebbew ghal persuna ta' P.C.524 P.Cassar.

8. Fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi ikkagunaw feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' P.S. 525 P. Cassar kif iccertifika Dr. A. Briffa M.D. tac-Centru tas-Sahha tal-Gzira.

9. Lil Francis Grech biss, fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi saq l-istess vettura li ggib numru tar-registrazzjoni DAP232 tal-marka Seat Ibiza kontra s-sinjali tat-traffiku indikat f' dik il-lokalita'.

10. Fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi saq l-istess vettura b' manjiera perikoluza.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 30 ta' Settembru 1999 (esebit a fol. 5 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputati waqt l-ezami li sarilhom fis-seduta tat-30 ta' Settembru 1999 iddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi.

Rat il-verbal tas-seduta tal-4 ta' April 2008 fejn il-provi tad-Difiza gew dikjarati bhala maghluqa u l-kawza giet differita ghas-sentenza bil-fakulta' lill-Prosekuzzjoni u lid-Difiza li jipprezentaw Nota ta' Sottomissjonijiet finali.

Ikkunsidrat:

Illi l-kaz jirrigwarda ncident li nqala' fit-28 ta' Settembru 1999 ghal habta tal-5.30pm, gewwa l-Imsida bejn PS 524 Paul Cassar u l-imputati.

PS 524 Paul Cassar xehed fis-seduta tat-23 ta' Marzu 2000 fejn spjega li fid-data msemmija fl-akkuza ghal habta tal-5.30pm kien qed jaghmel patrol f'Antonio Schembri Street, l-Imsida fejn osserva vettura bin-numru tar-registrazzjoni DAP 232 tal-marka Ibiza u ta' kulur ahmar li kienet ghaddejja kontra s-sinjal tal-One Way fl-imsemmija triq. PS 524 spjega li huwa waqqaf lil din il-vettura u meta s-sewwieq, li kien agressiv fl-atteggjament tieghu, staqsih x'kien gara spjegalu li kien ghaddej kontra l-One Way u u kien sejjer ghalhekk johroglu ticket. Meta huwa mar sabiex jiehu l-particulars minn fuq il-licenzja sab li l-vettura kienet registrata f'isem mara, certu Carmen Cassar, mentri l-vettura dak il-hin kienet misjuqa minn ragel u huwa ghalhekk talab il-partikolaritajiet lis-sewwieq sabiex it-ticket relattiv jinhareg fuq ismu. Is-sewweiq irrifjuta li jaghti l-particulars tieghu lil PS 524 u inoltre hareg mill-vettura u beda jikkonfronta lil PS 524 billi jpoggi wiccu ma wicc is-surgent  b'hafna ghajjat, storbju u dagha. Dan is-sewwieq kompla jirrifjuta li jaghti l-particulars lis-Surgent u dan tal-ahhar qallu li jekk kien ser ikompli jirrifjuta li jaghti l-partikolaritajiet tieghu kien ser jarrestah. Huwa qabdu minn idejh u talbu jmur mieghu l-Ghassa u dak il-hin gew fl-idejn ghaliex is-sewwieq beda jirrezisti l-arrest u kompla jirrifjuta li jmur l-Ghassa mas-Surgent. Is-Surgent u s-sewwieq spiccaw mal-art u s-sewwieq, li PS 524 identifika bhal l-imputat prezenti fl-Awla, tghajjar in-nuccali minn wicc PS 524 u kisser l-istess nuccali kif ukoll qatta' l-uniformi tas-surgent. Meta PS 524 irnexxielu jpoggi idejn l-imputat wara daru u kien ser ilibsu l-manetti harget l-imputata Carmen Cassar mill-vettura u din ghafget saqajn is-Surgent bejn l-imputat li kien quddiemu u bejn il-vettura, zammitlu n-nifs u kellha kelb zghir f'idejha li gidem direjn tax-xellug tas-Surgent. L-imputat irnexxielu jahrab u z-zewg imputati telqu minn fuq il-post bil-vettura taghhom. PS 524 spjega ulterjorment li huwa ma kien refa' jdejh fuq l-imputat izda kien biss uza l-forza necessarja sabiex ikun jista' jarrestah. PS 524 jghid li aktar tard l-istess gurnata kien cempillu Dr. Jose Herrera li qalu li kellu l-imputat imwerwer quddiemu u talbu jekk il-kwistjoni kollha setghatx tieqaf hemm izda s-Surgent irrispondieh li kienu ser jittiehdu proceduri fil-konfronti tal-imputat.

L-imputata Carmen Cassar irrilaxxjat stqarrija lill-Ispettur Stephen Gatt fid-29 ta’ Settembru 1999 (esebita a fol. 30 u 31 tal-process) fejn ikkonfermat li l-gurnata ta’ qabel hija kienet passiggiera fil-vettura taghha stess, li dakinhar kienet qed tinstaq mill-imputat Francis Grech u li huma kien ghaddejjin kontra s-sinjal tal-One Way minn triq gewwa l-Imsida. Hija tghid li kien hemm Pulizija li waqqafhom u qal lill-imputat li kien niezel kontra l-One Way u talbu johrog mill-vetura, qabdu minn idejh u qeghdu mal-hajt. Dejjem skond l-imputata, Cassar il-ko-akkuzat Francis Grech qal lill-Pulizija li ma kellux ghalfejn juza l-forza izda l-Pulizija qabdu min ghonqu u beda jrossu mal-hajt u jghidlu li ried jarrestah. Cassar tghid li l-imputat Grech beda jghid lis-Surgent li huwa ried imur igib certifikat dwar il-grif li kien ikkawzalu izda dan tal-ahhar ma hallihx imur u hija ghalhekk nizlet mill-vettura sabiex tipprova tifridhom u gibdet lil Pulizija mill-qmis u ghalhekk irnexxielha tifridhom u mbaghad qabdet lill-imputat Grech minn idu u huma rikbu fil-vettura u marru l-policlinic igibu certifikat rigwardanti l-griehi li kien sofra Grech u mbaghad baqghu sejrin ghand l-avukat li qalilhom li kien kellem lill-Pulizija u rranga kollox. Hija nnegat li kienet hebbet ghas-Surgent jew li l-imputat Grech kien offra rezistenza u m’obdiex l-ordnijiet moghtija lilu mill-Pulizija. Hija kkonfermat li kellha kelb zghir f’idejha izda qalet li dan il-kelb ma jafx jigdem u sostniet li ma giet mitluba ebda particulars mill-Pulizija.

L-imputat Francis Grech ukoll irrilaxxja stqarrija lill-Ispettur Stephen Gatt fid-29 ta’ Settembru 1999 (esebita a fol. 32 u 33 tal-process) fejn ghazel li ma jwegibx ghal diversi domandi li sarulu, innega li kien ta xi daqqiet jew hedded lil Pulizija u l-ewwel qal li kien ta l-particulars lill-Pulizija izda fl-istess nifs qal li ma kienx ta l-particulars ghaliex ma rax ghalfejn is-Surgent kellu jaqbdu minn ghonqu u jarrestah ghas-semplici fatt li kien ghaddej kontra l-One Way. Huwa jghid li meta waqfu l-Pulizija u qallu li kien ghaddej kontra l-One Way, huwa kien skuza ruhu mieghu u qallu sabiex johroglu ticket izda l-Pulizija ried jarrestah u qabdu minn ghonqu u beda jrossu mal-hajt. L-imputat isostni li f’dan l-istadju harget l-imputata Carmen Cassar

mill-vettura qaltlu sabiex ma jaqbdux minn ghonqu, poggiet idejha fuq spallejh u waqqatlu l-berita. L-imputat jghid li huwa ma tax il-particulars tieghu lill-Pulizija ghaliex ried imur il-policlinic sabiex jaghmel certifikat rigward il-feriti minnu sofferti. Huwa jghid li mar jaghmel ic-certifikat, mar id-dar ibiddel u meta mar ghand l-avukat dan qallu sabiex ma jmurx l-Ghassa tal-Imsida ghaliex kien irrangalu kollox izda wara ftit gew il-Pulizija u arrestawh.

F'dawn il-proceduri xehed anki certu John Marshall (xhieda relattiva inserita a fol. 38 u 39 tal-process fejn dan ikkonferma li kien ra lis-sewwieq tal-vettura jiggieled mal-Pulizija u jirrezisti l-arrest izda ma kienx f''pozizzjoni jiddentifika lis-sewwieq.

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti tinsab rinfaccjata b'zewg verzjonijiet konfliggenti dwar l-incident li nqala'. Fit-28 ta' Settembru 1999 u cioe' dik moghtija min-naha wahda minn PS 524 u dik moghtija miz-zewg imputati hekk kif riportata fl-istqarriji minnhom rilaxxjati. Il-Qorti m'ghandha ebda dubju mill-kredibilita' ta' PS 524 u qed taghzel li temmen il-verzjoni tal-fatti moghtija minn dan tal-ahhar liema verzjoni giet riportata kwazi in toto fil-paragrafi precedenti.

Mix-xhieda ta' PS 524 jirrizultaw pruvati l-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tal-imputat Francis Grech salv l-ghaxar akkuza, u cioe' dik li tirrigwarda sewqan perikoluz stante li l-imsemmi surgent xehed li l-imputat kien qed isuq kontra is-sinjal tal-One Way izda bl-ebda mod ma qal li huwa rah isuq b'manjiera perikoluza. L-imputat Francis Grech sejjer ghalhekk jinstab hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu salv ghall-ghaxar akkuza ghalkemm irid jigi rilevat li hemm uhud mill-akkuzi li huma assorbiti f''ohrajn u dan ovvjament ser jittiehed in konsiderazzjoni ghall-finijiet ta' piena.

In kwantu jirrigwarda l-imputata Carmen Cassar, jirrizultaw pruvati l-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba', il-hames, is-seba' u t-tmien akkuza u hija qed tinstab hatja tal-imsemmija akkuzi izda qed tigi liberata mis-sitt akkuza

stante li bl-ebda mod ma rrizulta mix-xhieda ta’ PS 524 li huwa f’xi stadju talabha taghti xi particulars.

Ghal finijiet ta’ piena in kwantu jirrigwarda l-imputat Francis Grech il-Qorti kkunsidrat li mill-fedina penali tieghu jirrizulta li din mhux l-ewwel darba li kiser dufrejgh mal-gustizzja izda mhux ser tigi mposta piena karcerarja effettiva anki minhabba t-trapass esagerat taz-zmien minn mindu l-imputati tressqu b’arrest sakemm il-kawza giet sabiex tigi deciza, liema dewmien huwa imputabbli in gran parti lill- Prosekuzzjoni li damet kwazi tmien snin sabiex tikkonkludi l-provi.

In kwantu jirrgwarda l-piena li ser tigi nflitta fuq l-imputata Carmen Cassar, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatt li hija ghandha fedina penali kwazi netta u anki d-dewmien esagerat li hadu dawn il-proceduri.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 95, 96, 17, 325(d), 338(ee), 338(dd), 338(g), 339(d) u 221 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti tiddikjara lill-imputat Francis Grech hati tal-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba’ il-hames, is-sitt, is-seba’, it-tmien u d-disa’ akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u b’applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tikkundannah hames xhur prigunerija sospizi ghal tnax il-xahar millum. Il-Qorti tiddikjarah mhux hati tal-ghaxar akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess akkuza.

Il-Qorti tiddikjara li hija spjegat bi kliem car lill-imputat l-import ta’ din is-sentenza u l-konsegwenzi f’kaz li jonqos milli josservaha.

L-imputat minn naha tieghu iddikjara li fehem ben tajjeb l-import ta’ din is-sentenza u x’jigri jekk jonqos milli josservaha.

Wara li rat l-Artikoli 95, 96, 325(d), 338(ee), 338(dd), 339(d) u 221 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti tiddikjara lill-imputata Carmen Cassar hatja tal-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba’, il-hames, is-seba’ u t-tmien akkuza migjuba fil-konfronti taghha u b’applikazzjoni tal-Artikolu

22 tal-Kap, 446 tilliberaha bil-kundizzjoni li ma tikkomettix reat iehor sa zmien sena millum. Il-Qorti tiddikjara lill-imputata Carmen Cassar mhux hatja tas-sitt akkuza migjuba fil-konfronti taghha u konsegwentement tilliberaha mill-istess akkuza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------